KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 21/7/194/16

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **it-Tlieta 20 ta' Settembru 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-Kunsillier |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | |
| | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |
| | |
| **Skużati:** | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| | Neil J. Tirchett-*l-ambaxxatur taż-żgħażagħ* |
| | |
| **Assenti:** | Nicholas Seychell |

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti nr.20 ġew approvati *nem com.*

2. **Punti imqajma mill-Minuti**

2.1. Dwar punt numru 3.3, il-Viċi Sindku Steven Axisa qal trid tittieħed deċiżjoni dwar id-delegazzjoni li għanda titla għal-laqgħa li ser isir *f'Den Bosch* fl-Olanda b'rabta mal-kontinwazzjoni tal-Proġett AT Fort. Il-membri approvaw li tattendi delegazzjoni ta' żewġ membri tal-Kunsill.

3. **Korrispondenza**

3.1. Korrispondenza mingħand il-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta dwar l-iżviluppi li seħħew b'rabta mal-proġett tal-Pjazza, il-Latirna Pubblika u Ġnien il-Mediterran.

3.2. Ittra mingħand l-Uffiċju tal-President b'rabta mal-*Fun Run 2016.* Il-membri approvaw li din l-attività titlaq ukoll mil-lokalita ta' Paola.

3.3. Talba għal-un/loading bay mingħand is-Sur John Delia. Il-membri approvaw li t-talba titwassal lit-Transport Malta.

3.4. Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar xogħolijiet f'salib it-toroq ta' Triq Ħal Tarxien ma Triq Palma. Il-membri approvaw id-disinn suġġeriet mill-Awtorità.

**4. <u>Sports Day Anzjani</u>**

4.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li ser issir Sports Day Nazzjonali għall-anzjani li jattendu iċ-Ċentri tal-anzjani f'Malta kollha. Din ser issir Tal-Qroqq. Is-Sindku ippropona li l-anzjani li jattendu iċ-Ċentru mmexxi mill-Kunsill Lokali Paola jattendu għal din l-attività. Il-membri approvaw u qablu li l-ħlas tat-trasport lejn Tal-Qroqq ikun finanzjat mill-Kunsill.

4.2. Is-Sindku xtaq iżid li ċ-ċentru anzjanità attiva tal-Kunsill Lokali Paola, beda bil-programm tal-Ħarifa/Xitwa u qed isir kull nhar ta' Tnejn u Ħamis fis-sala tal-Kunsill. Kompla li hemm reġistrati madwar 130 anzjan u anzjana.

**5. <u>Proġett Hypogeum</u>**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-kuntrattur assenjat biex jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni fl-Ipoġew ġie jitlob il-permessi mill-Kunsill sabiex jibda ix-xogħol fejn fost l-oħrajn kien jinvolvi tqegħid ta' mobile toilets, site Office u fuq kollox bini ta' rampa fit-triq u li għaldaqstant twassal sabiex jkollu jinqaleb il-parkeġġ. Is-Segretarju kompla li kien waqqaf il-ħruġ tal-permessi sakemm din il-materja tiġi diskussa f'din il-laqgħa. Is-Sindku informa lil membri li sadanittant kien iltaqa' mal-kuntrattur u l-Periti ta' Heritage Malta dwar dan il-każ. Il-membri iddiskutew din il-materja u filwaqt li qablu li ma jistawx jinżammu l-permessi neċessarji għax ix-xogħol li hemm bżonn isir, saħqu li għanda tissejjaħ laqgħa mal-kuntratturi u l-istess Heritage Malta sabiex naraw li fost l-oħrajn r-residenti ikunu infurmati bil-proġett u l-ħtiġijiet kollha li hemm bżonn. Dwar is-site Office u l-mobile toilets, il-membri qablu li għanda tinstab l-aħjar soluzzjoni li jkollha l-inqas impatt fuq ir-residenti taż-żona.

**6. <u>Van il-ġdid tal-Kunsill</u>**

6.1. Is-Sindku informa lil membri illi l-Van il-ġdid tal-Kunsill ġie varat f'konferenza stampa flimkien mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Wara li iddiskutew dan is-suġġett il-membri qablu li issir tow bar u karru sabiex materjali ta' trabijiet ma

jinġarrux fil-van. Il-membri fakkru li f'laqgħa preċedenti kienu qablu li m'għandux isir tipjip fil-van u li l-ħaddiema għandom jużaw attenzjoni sħiħa meta jagħmlu użu mill-van.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-Transport Malta aċċettaw it-talba tal-Kunsill għal għotja ta' €7,000 fid-dawl li ġie skrapjat il-van l-antik tal-Kunsill.

7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.1. Is-Sindku informa lil membri illi kienet ser tiġi organizzata l-attività *Gozo by Night* nhar l-24 ta' Settembru fejn ser ikun hemm quddies Ta' Pinu kif ukoll żjara fiċ-Ċittadella.

7.2. Is-Sindku Dominic Grima qal li wara li l-impjegat Ivan Ciangura ġie trasferti fil-Kunsill Lokali Paola bħala parti mill-iskema tal-IPSL, hemm bżonn li jinxtraw żewġ kompjuters wieħed għalih u l-ieħor għall-użu tas-Sindku u l-Kunsilliera. Il-membri approvaw. Is-Sindku kompla li fost l-oħrajn, l-impjegat Ivan Ciangura ser jieħu ħsieb imexxi u jagħmel Monitoring tal-ilmenti li jaslu fil-Kunsill.

7.3. Is-Sindku ippropona li issa li ġej żmien il-Milied hemm bżonn li jibdew diskussjoni mal-għaqdiet sabiex naraw li isir armar aħjar fiż-żmien tal-Milied. Il-membri qablu.

8. **Approvazzjoni tal-Skeda tal-Pagamenti**

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 21 għas-somma ta' €39,702.92.

9. **Aġġornament**

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:25pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

**Data**: 25 ta' Ottubru 2016